MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 53/2007/1

***Fl-Atti tar-Referenza tad-29 ta’ Ottubru, 2007, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dott. Antonio Mizzi) fl-Atti tal-Kawza fl-ismijiet:***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara u Spettur Dennis Theuma)**

**v.**

**Joseph Lebrun**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell, interpost minn Joseph Lebrun, mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet premessi. Il-fatti li wasslu ghal din is-sentenza kienu s-segwenti. B'sentenza moghtija minn din il-Qorti (kif illum komposta) fid-9 ta' Frar 2007 -- u dan wara referenza kostituzzjonali maghmula mill-Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara u Spettur Dennis Theuma) v. Joseph Lebrun* -- kien gie deciz li l-procedura allura veljanti li biha, meta l-Qorti Istruttorja tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, l-Avukat Generali seta', wara li jikkonsulta privatament ma' Imhallef (li ma jkunx ordinarjament joqghod fil-Qorti Kriminali jew fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali) jordna l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna u t-tkomplija ta' l-istruttorja (jew jinharag l-Att ta' Akkuza), kienet procedura leziva tad-dritt ta' dik il-persuna (f'dan il-kaz ta' Joseph Lebrun) ghal smigh xieraq garantit bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dik id-decizjoni taghha din il-Qorti kienet ipprefiggiet terminu ta' tliet xhur biex isiru l-emendi mehtiega fil-ligi *"…ghar-revizjoni, u possibilment varjazzjoni, tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tat-23 ta' Novembru 2005 li tkun konformi ma' dak li nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza* [tad-9/2/07] *fir-rigward ta' l-Artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament…"*, u fin-nuqqas l-istess Joseph Lebrun kellu jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien fiha minnufih wara li nghatat id-decizjoni tal-Qorti Istruttorja tat-23 ta' Novembru 2005 li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex jitqieghed taht Att ta' Akkuza.

Fil-fatt l-emendi saru, u permezz ta' l-artikolu 4 tal-Att nru VI tal-2007, is-subartikolu (3) tal-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali gie sostitwit bis-subartikoli (3), (3A), (3B) u (3C) kif illum fis-sehh. In segwitu ghal din il-procedura gdida – li tinvolvi rikors li jsir mill-Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali – l-imsemmi Avukat Generali pprezenta rikors

fis-27 ta' April 2007 li permezz tieghu talab li l-Qorti Kriminali tiddikjara li fit-23 ta' Novembru 2005 quddiem il-Qorti Istruttorja kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imsemmi Lebrun jitqieghed taht Att ta' Akkuza, u konsegwentement tordna l-kontinwazzjoni tal-procediment kontra tieghu.

Fit-3 ta' Mejju 2007 il-Qorti Kriminali laqghet it-talba ta' l-Avukat Generali. Il-parti relevanti ta' l-imsemmija decizjoni tal-Qorti Kriminali tghid hekk:
"Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba sa l-imsemmija data [23/11/2005], hija tal-fehma li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Lebrun jitqieghed taht att ta' akkuza. Dawn il-provi, fl-istragrandi maggoranza taghhom indizjarji, meta mehuda fl-assjem taghhom, huma bizzejjed biex jindikaw probabbilita` ta' htija fir-rigward ta' xi wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet dedotti kontra l-intimat Lebrun fir-rapport tal-pulizija (fol. 1) imwettaq bil-gurament (fol. 7). Huwa dan u dan biss li hu mehtieg li jigi determinat f'dana l-istadju tal-Artikolu 401(2).

"Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali u ghalhekk tiddikjara li fit-23 ta' Novembru 2005 kien hemm ragunijiet bizzejjed biex Joseph Lebrun jitqieghed taht att ta' akkuza, u tordna l-kontinwazzjoni tal-procediment kontra l-istess imputat, intimat f'dawn il-proceduri. Tordna wkoll li kopja ta' dan id-digriet jigi minnufih notifikat lill-Avukat Generali u lil Joseph Lebrun, u kopja tieghu inserita mir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, fl-attijiet ta' l-istruttorja fl-ismijiet premessi."
Wara li tkompliet il-procedura ta' l-istruttorja, l-imsemmi Lebrun, permezz ta' rikors migjub quddiem il-Qorti Istruttorja fil-25 ta' Ottubru 2007, allega li galadarba fit-23 ta' Novembru 2005 il-Qorti Inferjuri kienet iddecidiet li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht Att ta' Akkuza *"…din hija decizjoni li tkun tista' tigi kkontestata biss permezz ta' appell u mhux permezz tal-proceduri l-godda li ssostitwew l-Artikolu 433(3). Din il-procedura l-gdida mhix appell u darba illi l-imputat gie illiberat ma jistax jerga' jghaddi proceduri fuq l-istess meritu. Fil-fatt jigi enfasizzat li l-qorti ta' revizjoni f'ebda hin*

*ma ntalbet jew ma ddecidiet billi tirrevoka d-decizjoni ta' liberatorja ta' l-ewwel Qorti liema decizjoni ghadha in vigore."* Wara li l-istess Lebrun ghamel referenza ghall-Artikolu 4 tal-Protokoll nru 7 tal-Konvenzjoni, huwa talab lill-Qorti Istruttorja li *"…tirrimanda l-parti ta' dan il-process quddiem il-Prim Awla tas-sede kostituzzjonali sabiex din tiddeciedi fuq lanjanzi kostituzzjonali ta' indoli kostituzzjonali* [sic!] *li qed jitqajmu presenzjalment…"*. B'digriet moghti fid-29 ta' Ottubru 2007, il-Qorti Istruttorja, minghajr ma segwiet il-procedura indikata fir-regolament 5(1) ta' l-A.L. 35 ta' l-1993, baghtet kollox quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u ssoprasjediet "sakemm tigi deciza t-talba kostituzzjonali".

**<u>Sentenza appellata</u>**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li osservat li din kienet it-tieni darba li saret referenza kostituzzjonali mill-proceduri penali li qed jittiehdu kontra Joseph Lebrun, kompliet hekk:

"….jidher li din id-darba, l-imputat mhux qed jilmenta li l-process jikser id-dritt fundamentali tieghu ta` smiegh xieraq kif provdut u sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, izda qed jinvoka dritt gdid kawtelat fil-principju *ne bis in idem*. Dawn il-proceduri, isegwi, ghandhom jiehdu zvolta differenti minn dik li kienet diskussa fil-proceduri determinati bis-sentenza tad-9 ta` Frar, 2007, tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ghax filwaqt li f`dawk il-proceduri, l-imputat Lebrun kien qed jilmenta mill-fatt li d-decizjoni li jitqieghed taht att ta` akkuza ittiehdet wara dahru, fil-proceduri odjerni ma ressaqx l-istess ilment (u dana peress li bl-emenda li giet introdotta bl-Att VI tal-2007, id-decizjoni li jitqieghed taht att ta` akkuza ittiehdet minn Qorti u fil-prezenza tieghu), izda li darba hu gie "liberat" mill-Qorti Istruttorja, ma jistax jerga` jitqieghed taht att ta` akkuza, fl-assenza ta` provi godda. L-imputat qed jargumenta li darba hu gie mehlus, dik id-decizjoni tista` tigi kkontestata biss permezz ta` appell, u mhux permezz ta` procedura kif kontemplata fl-artikolu 433(3).

"Din il-Qorti ikollha tistqarr li dan l-argument sabitu ingenjus u interessanti, izda wara li hasbet fit-tul dwar l-

import tieghu, tara li ma tistax taccettah. L-artikolu invokat jipprojbixxi proceduri godda fejn persuna *“has already been finally acquitted or convicted”*. Kif jispjegaw l-awturi van Dijk u van Hoof fil-ktieb *“Theory and Practice of the European Convention on Human Rights”* (Tielet Ediz. Pagna 691).

*““Paragraph 1 of Article 4 further provides that the ne bis in idem principle is only applicable if the conviction or acquittal has become final. Here again, just as in the preceding Article 3, a decision is to be considered final ‘if, according to the traditional expression, it has acquired the force of res judicata’. This is the case when it is irrevocable, that is to say when ‘no further ordinary remedies are available or when the parties have exhausted such remedies or have permitted the time-limit to expire without availing themselves of them”.*

“Issa kif osservat l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Kriminali, fil-kawza “Il-Pulizija vs Cassar Galea”, deciza fil-11 ta` April, 1984, il-liberazzjoni li tista` taghti Qorti Istruttorja *“ma tistax tkun dik li tekwivali ghal final acquittal, dana ghaliex l-artikolu 416 u 446 (illum 404 u 434) tal-Kodici Kriminali ma jhallux dubju dwar dan”*.

“Barra minn dan, kif osservat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tad-9 ta` Frar, 2007, fil-proceduri ta` l-ewwel referenza li talab l-imputat, meta Qorti Istruttorja tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta` akkuza, dik id-decizjoni tkun finali u decisiva *“jekk ma jsir xejn in segwitu ghaliha”* Darba hu kontemplat li jista` jsir xi haga wara dik id-decizjoni, u fil-fatt isir xi haga kif kontemplat fil-ligi, dik id-decizjoni ma tkunx *“irrevocable”* jew *res judicata*. Jekk wara decizjoni simili, l-Avukat Generali ma jipprocedix skond l-artikolu 433(3), allura d-decizjoni tkun wahda finali, ghas-semplici raguni li l-proceduri penali fuq dawk l-atti u b`dawk il-provi li kellha quddiemha l-Qorti Istruttorja jieqfu definittivament, b`tali mod li la l-Qorti Kriminali u anqas il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali ma jkunu jsitghu qatt jaslu biex isibu htija fil-konfront ta` l-imputat. Jekk, min-naha l-ohra, il-kaz ma

jithalliex jinghalaq, u dan in segwitu ta` procedura li tiggarantixxi lill-imputat id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, allura dik id-decizjoni ma tkunx wahda *“finali”* u irreversibbli.

“Fil-fatt, il-procedura kontemplata fl-artikolu 433(3) mhiex xi procedura *ex novo*, imma kontinwazzjoni tas-smiegh ta` l-istess kawza. L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha f`dan il-kaz osservat li, fir-realta`, il-procedura
skond is-subartikolu (3) tal-artikolu 433, *“ma hi xejn ghajr forma ta` ‘appell’ li l-Avukat Generali jaghmel (f`dik l-epoka) in camera u privatament quddiem Imhallef li jaghzel hu stess”*. Darba din il-procedura hija meqjusa bhala *“forma ta` appell”*, iffisser li dak li isostni r-rikorrent, li decizjoni simili tista` tigi attakkata biss permezz *“ta` appell”*, fil-fatt qieghed isehh.

“L-imputat Lebrun f`dawn il-proceduri, mhux qed jallega li dan *“l-appell”* sar b`mod li jilledi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq; hu qed jilmenta mill-fatt per se li rega` tressaq quddiem il-Qorti taht arrest. Dan, pero`, sehh b`rizultat ta` process taht forma ta` appell, u process simili ma jista` qatt ikun ikkunsidrat bhala process bi ksur tal-principju *ne bis in idem*.

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors billi tichad il-lanjanza ta` l-akkuzat, u tiddikjara li l-procedura kontemplata fl-artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali ma tiksirx l-artikolu 4 tal-Protokoll numru 7 ghall-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u tordna li kopja ta` din is-sentenza tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, kif presjeduta mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi, biex tigi inserita fil-process tal-kawza *“Il-Pulizija vs Joseph Lebrun”*.

“L-ispejjez ta` dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

## L-appell u konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

Minn din is-sentenza cara u preciza fil-portata taghha, appella Joseph Lebrun. Minkejja s-seba' pagni u nofs tar-rikors tieghu, fir-realta` l-aggravju ta' l-appellant huwa semplicement li galadarba huwa, bid-decizjoni tal-Qorti Istruttorja tat-23 ta' Novembru 2005, kien gie lliberat (*"discharged"* mhux *"acquitted"* fit-test Ingliz tal-ligi) b'mod li (kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-9 ta' Frar 2007) il-proceduri penali fuq dawk l-atti u b'dawk il-provi jieqfu definittivament jekk ma jsir xejn in segwitu ghal dik id-decizjoni, dak li kellu jsir mil-legislatur biex ikunu jistghu jitkomplew il-proceduri kontra tieghu kien li jkun hemm forma ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u mhux semplicement il-procedura ta' rikors quddiem il-Qorti Kriminali skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 433.

Din il-Qorti ma tezitax li tikkwalifika dana l-appell bhala wiehed fieragh. Biex ikun hemm "appell" minn decizjoni ta' qorti, ma hemmx ghalfejn li dak l-appell isir quddiem qorti imsejha "Qorti ta' l-Appell" jew "Qorti ta' l-Appell Kriminali". Bizzejjed wiehed jiehu l-ezempju ta' appelli lill-Qorti tal-Magistrati minn decizjonijiet tal-Kummissarji tal-Gustizzja. Fil-kaz ta' decizjoni ta' Qorti Istruttorja li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, il-legislatur ipprovda (wara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Frar 2007) ghal forma ta' kontestazzjoni gudizzjarja – li fil-prattika tekwivali ghal appell – u bis-salvagwardji kollha ghal dak li hu smigh xieraq, bil-mod traccjat fis-subartikoli (3), (3A) u (3B) ta' l-Artikolu 433 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk id-decizjoni tal-Qorti Istruttorja tat-23 ta' Novembru 2005 (fuq l-atti u fuq il-provi kif kienu f'dik id-data) qatt ma saret finali ghax giet sorpassata bid-decizjoni tal-Qorti Kriminali tat-3 ta' Mejju 2007 – id-decizjoni tat-3 ta' Mejju 2007 gabet fix-xejn, u ghalhekk giet li rrevokat jew hassret, dik tat-23 ta' Novembru 2005. Tali procedura u decizjoni b'ebda mod ma tilledi d-dritt tan-*ne bis in idem* kif protett bl-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**<u>Decide</u>**

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, u tordna li mhux biss kopja tas-

sentenza ta’ l-ewwel qorti izda anke kopja tal-odjerna sentenza tigi komunikata lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Sedenti l-Magistrat Dott. Antonio Mizzi), biex tigi inserita fil-process *Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara u Spettur Dennis Theuma) v. Joseph Lebrun* pendenti quddiem dik il-Qorti. L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu mill-appellant, u peress li dana l-appell huwa fieragh fis-sens tas-subartikolu (4) ta’ l-Artikolu 223 tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant li jhallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn. Tordna wkoll li l-attijiet ta’ l-istruttorja fl-ismijiet hawn aktar ‘l fuq indikati (*Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara u Spettur Dennis Theuma) v. Joseph Lebrun* jigu minnufih rimessi lill-Qorti Inferjuri sabiex il-proceduri jitkomplew fid-dawl ta’ l-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------